2 ta' Marzu, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President* ;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D. ;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Emmanuele Cassar *versus* Maria Ciappara**

**Preskrizzjoni — Danni — Somministrazzjonijiet —
Art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux kaġunati b'reat topplika biss għad-danni akwiljani naxxenti minn każ li penalment ma jkunx reat, imma jkun delitti ċivili, jew kważi-delitti; u għalhekk dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli għall-azzjoni għal danni kontrattwali, jiġifieri dak id-danni li fih jista' jinsolvi ruħu l-inadempiment ta' obligazzjoni kontrattwali, iżda tolqot ir-riżarċiment tad-dannu extra-kontrattwali derivanti mill-ħtija akwiljana, jiġifieri mill-fatt illeċitu.*

*Il-każ ta' min jitlob il-ħlas ta' somministrazzjonijiet li huwa jkun għamel favur ta' persuna li lilha jkun irrenda serviġi, u in konnessjoni ma' dawk is-serviġi, ma huwiex każ ta' danni sofferti minn dik il-persuna li għamlet dawk is-somministrazzjonijiet; u għalhekk mhix applikabili għal dak il-każ il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-ħlas ta' danni mhux kuntrattwali b'reat.*

*Il-Qorti ma tistax tiddeċidi u tilqa' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni diversa minn dik li tkun ġiet eċċepita, anki jekk ikunu ta' l-istess durata; u l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi sollevata "ex officio".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, wara li ppremetta illi għal diversi snin, mill-1940 'il quddiem, huwa għamel diversi serviġi u somministrazzjonijiet lill-imsemmi Paolo Ciappara u lill-konvenuta, talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti bħala kumpens tas-serviġi u somministrazzjonijiet imsemmija. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Ottubru 1947, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-24 ta' Novembru 1952, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bijennali sollevata mill-konvenuta relativament għall-partiti tas-somministrazzjonijiet fuq imsemmijin, magħmula talvolta qabel is-17 ta' Ottubru 1945, u hekk ċaħdet it-talba relativament għalihom, bl-ispejjeż kontra l-attur; u billi ddikjarat illi l-attur huwa kreditur tal-konvenuta nomine fl-ammont ta' £39. 9. 6 għas-somministrazzjonijiet li ssemmew, liema kreditu però hu kompensat b'ammont akbar dovut mill-attur lill-istess konvenuta, bl-ispejjeż mingħajr taxxa; u billi ma ħadetx konjizzjoni tat-talba għas-serviġi pretizi prestati mill-attur, minħabba rinunzja magħmula minn dan ta' l-aħħar, bl-ispejjeż kontra l-attur; u ordnat li l-ispejjeż riżervati jitħallsu in kwantu ta' kwart (¼) mill-konvenuta u tliet kwarti (¾) mill-attur; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob il-ħlas mingħand il-konvenuta bħala kumpens għal diversi serviġi u somministrazzjonijiet li huwa jippretendi illi ppresta u ta lil Paolo Ciappara għal diversi

snin mis-sena 1940 'il quddiem. Għalhekk il-pretensjoni ta' l-attur hija għall-ħlas ta' serviġi u somministrazzjonijiet;

Illi dwar is-serviġi, kif tajjeb issottometta l-perit legali, l-attur irrinunzja għall-ħlas talvolta dovut lilu għas-serviġi pretiżi prestati minnu......;

Illi dwar is-somministrazzjonijiet, kif issottometta l-perit legali, jirriżulta li l-attur għamel diversi somministrazzjonijiet in natura lil Paolo Ciappara, u għamel spejjeż biex ifornixxi dawn is-somministrazzjonijiet lill-istess Paolo Ciappara. Dawn is-somministrazzjonijiet magħmula mill-attur jirriżulta li kienu jikkonsistu fi ħwejjeġ ta' lbies, ġeneri alimentari......; liema somministrazzjonijiet ġew magħmula f'diversi perijodi kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem;

Illi l-perit legali ssottometta illi, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkustanza ta' l-amiċizzja intima bejn l-attur u Ciappara, tas-serviġi oħra reċiproċi li huma kienu minn qabel il-gwerra jirrendu lil xulxin, l-anormalità ta' l-epoka, jew waqt il-gwerra, li fiha ġew in eżistenza r-rapporti bejn l-attur u Ciappara, u r-relazzjonijiet ta' kuntatt ta' kuljum bejniethom, l-imsemmijin somministrazzjonijiet jistgħu jiġu kompriżi taħt il-kwalifika ta' serviġi, konformement għall-kawżali ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni, billi, għad li dawk is-somministrazzjonijiet ma saru taħt kondizzjonijiet ta' neċessità, jew għaliex Ciappara ma setax jagħmilhom hu, l-attur għamilhom appuntu biex ikun servizjevoli lejn Ciappara. Dina l-Qorti ma taqbelx ma' dina s-sottomissjoni tal-perit legali. Jidher ċar biżżejjed mill-att taċ-ċitazzjoni illi l-kawżali għall-ħlas mitlub mill-attur hija ta' żewġ xorta, jiġifieri serviġi u somministrazzjonijiet. Is-serviġi ġew rinunzjati mill-attur; u konsegwentement għandha tibqa' biss il-kawżali tas-somministrazzjonijiet;

Illi l-istess perit legali rrelata illi "ma jidherx illi l-kreditu ta' l-attur hu preċiżament għal serviġi prestati, imma għall-pagament tal-prezz ta' vendita jew rimbors ta' spejjeż erogati akkont ta' Paolo Ciappara" (fol. 77); imma l-istess perit legali esprima l-opinjoni illi r-rapporti bejn l-attur u Ciappara, almenu fl-intenzjoni tagħhom, ma kienux jirrivestu l-element ta' komprovendita, ta' pagament ta' debiti aljeni, ta' mutwi, jew rapporti simili, imma pjuttost kienu jirrivestu l-figura ġuridika ta' serviġi, u jintitolaw lill-attur jitlob ir-restituzzjoni

ta' l-ispejjeż minnu nkorsi "bħala aċċessorji ta' l-istess serviġi" jew "bħala konsegwenza tal-prestazzjoni ta' l-istess serviġi" (fol. 79.) Imma kieku kien hekk...... Jidher għalhekk illi, apparti l-kawżali espressa b'mod ċar fl-att taċ-ċitazzjoni, anki fl-intenzjoni ta' l-attur, kull ma huwa ta lil Paolo Ciappara, minbarra dak li tah bħala serviġi u li huwa rrinunzja għalih, tahulu bħala somministrazzjoni, u mhux bħala serviġi;

Illi l-konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni bijennali relativament għal dawk is-somministrazzjonijiet li l-attur jippretendi qabel l-aħħar sentejn; u għalhekk fl-ewwel lok għandha tiġi nvestita din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta;

Illi apparti n-natura tas-somministrazzjonijiet ta' l-attur, jiġifieri jekk kienux rigali kontrakkambjati da parti ta' Paolo Ciappara, kif tallega l-konvenuta, hu fatt illi, kif issottometta l-perit legali, b'dawn is-somministrazzjonijiet pretiżi prestati lil Paolo Ciappara mill-attur, dan iddanneġġja ruħu billi sofra diminuzzjoni tal-patrimonju tiegħu. Issa dawn id-danni, talvolta sofferti mill-istess attur minħabba dawk is-somministrazzjonijiet, mhumiex ġejjin lilu minn inadempjenza ta' obbligazzjoni min-naħa ta' Paolo Ciappara, u lanqas minn reat. U għall-finijiet tal-preskrizzjoni l-liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwi tliet kwalitajiet ta' danni, jiġifieri dawk "ex delicto", f'liema każ il-preskrizzjoni ċivili hija dik ta' l-azzjoni kriminali (art. 2259 Kodiċi Ċivili), danni li ġejjin minn "colpa aquiliana" jew "extra contrattuali", jiġifieri li ġejjin minn fatti li mhumiex reati u lanqas ma huma inadempjenza kontrattwali, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn (art. 2258 Kod. Ċiv.), u danni kontrattwali, jiġifieri dawk li ġejjin minn inadempjenza kontrattwali, f'liema każ m'hijiex applikabbli l-preskrizzjoni ta' l-art. 2258, imma dik ta' l-istess obbligazzjoni (Vol. XXIX-II-581). Għalhekk, fil-każ preżenti hija applikabili l-preskrizzjoni bijennali, b'mod illi dawk is-somministrazzjonijiet talvolta magħmula mill-attur lil Paolo Ciappara sas-16 ta' Ottubru 1945 għandhom jiġu kunsidrati preskritti, billi l-interpellazzjoni uffiċjali għall-ħlas tagħhom ġiet magħmula fis-17 ta' Ottubru 1947; salvo li jiġi eżaminat jekk kienx hemm xi interruzzjoni ta' din il-preskrizzjoni qabel dik id-data, u anki wara l-istess data, anki minħabba xi rikonoxximent ta'

*dawk is-somministrazzjonijiet* jew ta' xi wħud minnhom da parti ta' Paolo Ciappara li jista' jimporta rinunzja għal preskrizzjoni ġa *maturata;*

*Illi jirriżulta illi s-somministrazzjonijiet imsemmija* mill-attur ġew minnu magħmula in parti fil-bidu......;

Illi s-somministrazzjonijiet pretiżi mill-attur jinsabu elenkati *mill-perit legali......* B'dana l-mod *is-somministrazzjonijiet* li għalihom għandu dritt l-attur bħala magħmula lil Paolo Ciappara, u *li ma* humiex preskritti, jammontaw għal £39. 9. 6;

*Omissis;*

Illi dina l-*Qorti* taqbel mal-perit legali fejn dan issottometta *illi* Paolo Ciappara għandu *jieħu mingħand* l-attur għal xi prestazzjonijiet u pagamenti magħmula lil dan ta' l-aħħar minnu. *Konsegwentement* il-kreditu ta' l-attur, fl-ammont ta' £39. 9. 6 fuq likwidat, hu *altru* minn kompensat b'dak dovut minnu lil Paolo Ciappara;

Rat in-*nota* ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni *tiegħu fejn talab li* s-*senteriza* fuq imsemmija tiġi *riformata.* billi tiġi revokata in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u tiġi riġettata l-istess eċċezzjoni opposta mill-konvenuta, u tiġi konfermata in kwantu llikwidat il-kumpens a favur ta' l-attur, b'dana però li l-kumpens għandu jiġi likwidat fis-somma ta' £337. 9. 8 likwidata mill-perit legali, u billi jiġi dikjarat li s-serviġi li l-attur irrinunzja għalihom huma biss il-qadjiet li kien jagħmel lil Paolo Ciappara, u hekk id-domandi tiegħu jiġu *akkolti;* bl-*ispejjeż;*

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi* t-*talba* dedotta bl-art taċ-ċitazzjoni tinsab limitata mill-attur *għas-somministrazzjonijiet* minnu magħmula lil Paolo Ciappara, li tiegħu l-konvenuta hija l-eredi. Kontra dik l-azzjoni *ġiet eċċepita* l-preskrizzjoni ta' sentejn, u l-Ewwel Qorti laqgħet dik il-preskrizzjoni *in* bażi għad-dispożizzjoni ta' l-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili għar-rigward tas-somministrazzjonijiet *li saru* sas-16 ta' Ottubru 1945;

*Ikkunsidrat;*

Illi l-imsemmi art. 2258 jistabbilixxi li l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat *mhux* kagunati b'reat taqa' bil-preskrizzjoni bl-għe-

huq *ta' sentejn*; u gie kostantement ritenut mill-gurisprudenza taghna li din il-preskrizzjoni tapplika biss "ai danni aquiliani nascenti da cause che penalmente non fossero reati, ma pure *sarebbero delitti civili o quasi-delitti*, a differenza dell'articolo 1918 (il-lum 2259) che contempla la prescrizione dell'azione civile per il risarcimento di danni recati con un reato" (App. 22 ta' Frar 1889 'Camilleri vs. Dr. Frendo'; 30 ta' Jannar 1931 'Micallef vs. Micallef'; 15 ta' Diċembru 1933 'Chircop vs. Schembri'; 7 ta' Novembru 1932 'Tonna vs. Smith'; u Kollez. Vol. XXVI-I-54, Vol. XXI-I-524, XVII-I-751, XII, 144, XVII-II-183, XIX-III-106, XV, 44, XXXIII-I-695). Għalhekk il-*preskrizzjoni bijennali kontemplata fl-imsemmi art.* 2258 ma tolqotx l-azzjoni għar-riżarċiment ta' danni kontrattwali, jiġifieri ta' dak id-dannu li fih jista' jirsolvi ruħu l-inadempiment ta' l-obligazzjoni kontrattwali, iżda tolqot ir-riżarċiment tad-dannu "extra-kontrattwali" derivanti mill-"colpa aquiliana", jiġifieri minn fatt illeċitu;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilita n-natura tal-preskrizzjoni komminata bl-imsemmi art. 2258, huwa evidenti li ma jistax ikollha applikazzjoni fil-każ in eżami, li mhux każ ta' riżarċiment ta' danni, iżda domanda għall-ħlas ta' somministrazzjonijiet magħmula, fejn il-"colpa aquiliana" u l-*fatt illeċitu ma jidħlu b'xejn u ma jirriżultaw minn ebda ċirkustanza*;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta appellata, fin-nota ta' l-eċċezzjoni fol. 6, ġiebet 'il quddiem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn mingħajr ma speċifikat għal liema preskrizzjoni kienet qiegħda talludi. Jingħad, però, li ebda wieħed mill-każi kontemplati fl-art. 2254 tal-Kodiċi Civili ma japplika għal dak in eżami; u għal raġunijiet ovvji mhix applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn prevista fl-ewwel paragrafu ta' l-art 1266 ta' l-istess Kodiċi;

Ikkunsidrat;

Illi, kif gie deċiż minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 1933 in re "P.L. Giuseppe Pace Bonello vs. Daniele Pellegrini Chetcuti ne. et.". "non è lecito decidere ed accogliere una prescrizione diversa da quella eccepita, quand'anche fosse di durata uguale, essendo l'istituto della prescrizione di stretta

interpretazione"; u huwa paċifiku li eċċezzjoni bħal din ma tistax tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio" (Kollez. Vol. XXXIII, parte I, paġ. 952);

Ikkunsidrat;

Illi mill-perizja legali jirriżulta li għas-somministrazzjonijiet reklamati bl-att taċ-ċitazzjoni l-appellant għandu jieħu komplessivament is-somma ta' £452. 9. 0; iżda din il-Qorti jidhrilha li f'din il-likwidazzjoni l-valur ta' l-oġġetti ġie fissat iżjed minn dak li ħaqqhom; u għalhekk, minħabba d-diffikultà ta' fissazzjoni preċiża u tal-valur eċċessiv likwidat mill-perit, huwa l-każ li, "arbitrio boni viri", l-imsemmija somma ta' £452 9. 0 tiġi ridotta bl-għaxra fil-mija (10%). Konsegwentement l-ammont dovut lill-appellant jibqa' likwidat £407. 0. 0. Minn dan l-ammont għandha titnaqqas is-somma ta' £115 dovuta mill-appellant lil Paolo Ciappara, skond l-imsemmija perizja, u għalhekk il-bilanċ li jibqa' favur l-appellant huwa ta' £292;

Ikkunsidrat;

Illi fis-sens fuq imsemmi dina l-Qorti adottat il-konklużjonijiet kontenuti fil-likwidazzjoni magħmula mill-perit ġudizzjarju, kif ukoll fis-sens fuq imsemmi għandu jiġi milqugħ l-appell promoss mill-attur;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell ta' l-attur billi tirrevoka s-sentenza appellata fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn opposta mill-konvenuta, u konsegwentement tirrespinġi dik l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuta; u billi għall-kumplament tirriforma l-istess sentenza fis-sens li tillikwida l-ammont dovut lill-attur għas-somministrazzjonijiet reklamati bl-att taċ-ċitazzjoni fis-somma ta' £407, li minnhom għandhom jinqatgħu, minħabba kompensazzjoni fl-entranti kwantità, £115 mill-attur dovuti lil Paolo Ciappara, u għalhekk il-bilanċ dovut lill-attur huwa ta' £292, li l-konvenuta hija kundannata tħallas lill-attur;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, barra dawk fuq deċiżi, jitħallsu kwantu għal kwart mill-attur u kwantu għal tliet kwarti mill-konvenuta.